# "Is-Sengħa fl-Armar tul is-Sena"

miġbura minn Christian Micallef

## Ix-xogħol tal-liedna



Il-liedna hija mod sabiħ li żżejjen it-toroq tal-ibliet u l-irħula Maltin. Din issibha wkoll iżżejjen il-faċċati taddjar u tal-każini tagħna. Il-liedna tibda taħdimha billi l-ewwel tara fejn tridha u għal liema festa tridha biex b'hekk tkun tista' tiddetermina l-qies u l-kulur tal-*plastic* tagħha. L-ewwel tibda billi tagħmel ħolqa fit-tarf tal-ispaga li fuqha tkun ser tibni din il-liedna. Dan ikun il-bidu tal-liedna tiegħek. Trid imbagħad issib post fejn torbotha x'imkien sod biex b'hekk tkun tista' tiġbed fuqha. Il-pass li jkun imiss hu li tibda l-ħidma! Dan tagħmlu billi tagħmel ingassa bl-ispag u ddaħħal l-ewwel biċċa *plastic* u tiġbed biex tissikka. Terġa' tagħmel ingassa oħra u tibqa' dejjem tirrepeti l-istess proċess sakemm tasal fit-tul li tkun tridha.

Tul dan il-proċess wieħed jista' jew jibqa' għaddej bl-istess kulur għat-tul kollu, jew inkella jħallat il-kuluri skont kif mixtieq. Meta tkun lest u tkun wasalt fil-qies ippjanat, trid tagħmel għoqda soda fl-aħħar tax-xogħol biex ma tinħallx u biex torbot kollox sew. Dan ix-xogħol jirrikjedi ħafna paċenzja, iżda huwa proċess veru sabiħ u ta' sodisfazzjon kbir, speċjalment meta tara dan ix-xogħol armat għall-festa tiegħek.

*Josef Bartolo*

## Ix-xogħol fir-restawr



Meta niġu għar-restawr l-ewwel ħaġa li trid tibda minnha hija r-riċerka dwar ix-xogħol li jkollok quddiemek. Wara din ir-riċerka jkun imiss li nibda nneħħi d-diversi strati ta' interventi li jkun sar fuq l-istatwa f'diversi okkażjonijiet. L-ewwel riċerka issir permezz ta' tindif, fejn tibda tiskopri affarijiet bħal żidiet ta' panneġġi fuq l-ilbis, żidiet fix-xagħar, u ġieli ukoll tibdil fil-pożizzjoni tal-istess statwa. Wara li jkun sar dan it-tindif u jitneħħa dak li jkun miżjud mal-milja taż-żmien, ġieli jinbidlu il-bażijiet tagħhom u jsiru ġodda peress li ż-żmien ikun kabarhom ħafna. Fil-proċess tkun qed tissaħħaħ l-anima u ġeneralment

tinħadem l-art mill-ġdid. Il-proċess li jkun imiss wara dan kollu huwa li jissewwew il-partijiet il-miksura u li jkunu neqsin. Dan isegwi billi jibda jinkesa x-xogħol kollu bil-ġibs. Ġieli jkun hemm min jagħżel li mal-istess statwi (jew kull tip ta' restawr fuq kwalunkwe xogħol ieħor) isiru xi żidiet. Dan għandu dejjem isir fuq l-istess stil biex ix-xogħol jidħol dejjem flimkien u tibqa' ħaġa waħda. Ovvjament, l-irfinar tax-xogħol bl-ixkatlar huwa l-qofol tax-xogħol kollu biex joħroġ riżultat sabiħ. Dan kollu jwassal għall-aħħar proċess, dak taż-żebgħa.

Ġeneralment f'dan l-aħħar proċess jingħataw tliet passati *undercoat* u żewġ passati *finish* bil-kulur finali tagħhom. Ikun jonqos biss li ix-xogħol finali jiżżejjen bi ftit ornamenti li jikkuplimentaw is-suġġett li jkunu applikati fuqu.

*Andrew Buġeja*

## Is-sengħa tal-karpenterija



Is-sengħa tal-injam hija waħda mill-eqdem snajja li jeżistu. Tant hu hekk li fil-Kotba Mqaddsa nsibu li Ġesù kien iben il-mastrudaxxa ta' Nażaret. Minn dawk iż-żminijiet is-sengħa tal-mastrudaxxa baqgħet tiżviluppa peress li bdew jinħadmu diversi proġetti minn injam ta' kull tip. Mastrudaxxa tajjeb irid l-ewwel jara li l-injam li jkun se jintuża' jkun imnixxef sewwa. Il-Maltin ukoll interessaw ruħhom f'din is-sengħa tant li matul iż-żminijiet inħadmu ħafna xogħlijiet ta' preġju kbir. Uħud minn dawn ix-xogħlijiet insibuhom fil-knejjes tagħna, fil-palazzi speċjalment f'dawk li kellhom il-Kavallieri, u f'diversi postijiet oħra mxerrdin ma' Malta u Għawdex. Hawnhekk tajjeb wieħed isemmi l-pulptu, il-bradella, u l-bankun li hemm fil-Knisja ta' San Lawrenz fil-Birgu, u kif ukoll il-bradella u l-bankun b'lavur uniku li nsibu fil-Knisja tal-Lunzjata magħrufa bħala ta' San Duminku fil-Birgu.

Minbarra dan ix-xogħol, minn madwar mitt sena ilu bdew jinħadmu diversi armar tal-festi parrokkjali fosthom planċieri, pilandri tat-trofej, pedistalli għall-istatwi, u ħafna armar ieħor. Mastrudaxxi bħali illum jinnutaw li fejn qabel is-sengħa kienet tirrikjedi li kollox jinħadem bil-minċotti, jiġifieri kif titlob is-sengħa ta' mastrudaxxa, illum ħafna mix-xogħol qiegħed jinħadem bil-*fibreboard, chipboard,* u materjal ieħor li kissru s-sengħa ta' valur għal waħda li tista' tinħadem mid-dilettanti. Nagħlaq dawn il-kelmtejn tiegħi billi nagħmel kuraġġ lil min jaħdem din is-sengħa biex ikompli jiżviluppa x-xogħol kif suppost u mhux iġri u ġerri biex ngħidu ara kemm għandna armar fil-festa!

*Michael Zerafa*

Ejjew ilkoll flimkien nirrispettaw id-determinazzjoni u s-sena ħidma tant dedikata li d-dilettanti jwettqu, waqt li napprezzaw is-sengħa li kull biċċa armar tal-festa ġġorr magħha.

*Ikompli s-sena d-dieħla...*